# IL-QORTI TAL-APPELL KRIMINALI

**Onor. Imħallef Dr. Aaron M. Bugeja M.A. (Law), LL.D. (melit)**

---

**lllum it-8 t'Ottubru 2019**

Appell numru 45 tal-2018

**Il-Pulizija**
**vs**
**Christian FARRUGIA**

Il-Qorti :

1. Dan huwa appell minn sentenza mogħtija mill-Qorti tal-Maġistrati (Malta) nhar id-29 ta' Jannar 2018 fil-konfront ta' Christian FARRUGIA, karta tal-identita bin-numri 297386M fejn ġie mixli talli:

    > Talli nhar it-22 ta' Novembru 2017 ġewwa l-Gżejjer Maltin, irrifjuta li jagħti aċċess lil wild taht il-kustodja tiegħu lil Mirelle Cassar, hekk kif ordnat mill-Qorti jew hekk kif marbut bil-kuntratt mingħajr raġuni xierqa.

2. Rat is-sentenza tal-Qorti tal-Maġistrati (Malta) bħala Qorti ta' Ġudikatura Kriminali tad-29 ta' Jannar, 2018, fejn il-Qorti wara li rat l-Artikolu 338(II) tal-Kodiċi Kriminali, sabet lill-imputat ħati tal-imputazzjoni dedotta kontrih u kkundannatu għal ġimgħa detenzjoni. Il-Qorti fissret fi kliem ċar, il-portata ta' din is-sentenza lill-imputat.

3. Rat l-appell intavolat mill-ħati permezz ta' rikors li jġib id-data tat-8 ta' Frar 2018 li permezz tiegħu huwa ressaq is-segwenti aggravji li (in suċċint) huma : -

> Illi minkejja li l-ewwel Qorti rrizultalha ampjament mill-provi migjuba illi l-appellant kellu obbligu li f'kaz ta' nuqqas ta' qbil jipprovdi access lil Mireille Cassar ghal minuri binthom nhar ta' Tnejn u Erbgha f'hinijiet specifici, u minkejja li akkuza kif dedotta ma kenitx tinkludi hin specifiku huwa instab hati tal-akkuza kif dedotta. Illi qatt ma setgħa jiddefendi ruhu minn akkuza li ma kellhiex indikat hin specifiku;
>
> Illi fit-tieni lok jigi ribadit li akkuza minghajr hin hija akkuza nulla u dan stante li akkuza ta' rifjut ta' access minn natura taghha tippretendi data u hin specifiku;
>
> Illi subordinatament u minghajr pregudizzju ghas-suespost, meta persuna tkun akkuzata li "irrifjutat l-access" f'hin u data partikolari, il-Qorti ghandha tkun sodisfatta li f'dik il-gurnata u anke f'dak il-hin partikolari, min qieghed jippretendi access kien mar ghall-access u dak l-access gie michud. Illi in kaz in ezami rrizulta li Mireille Cassar baghtet messagg numru ta' sieghat qabel il-hin tal-akkuza li fih talbet biex tara lit-tifla. Irrizulta wkoll li l-istess Mireille Cassar, meta giet infurmata mill-akkuzat li kellha taghtih xi informazzjoni qabel jaghtiha access, la ghaddiet l-informazzjoni u lanqas marret biex tipprattika l-access fil-hin indikat fl-akkuza. Ghaldaqstant huwa inkonklussiv u ghaldaqstant mhux sufficjentement ippruvat fil-grad rikjest mil-ligi li l-appellant irrifjuta l-access jekk anqas jirrizulta l-hin li fih setghet saret it-talba u cahda la permexx ta' telekomunikazzjoni u lanqas personalment;

Illi subordinatament u minghajr pregudizzju, il-Qorti lanqas ma kkunsidrat prova li nghatat minn Mireille Cassar stess illi jekk l-appellant irrifjuta l-access, dan ghamlu ghaliex kien qieghed jallega xi nuqqasijiet min-naha ta' Mireille Cassar stess. Ghaldaqstant ladarba l-Qorti ma ndirizzatx din il-kwistjoni, id-decizjoni taghha hija umilment karenti u ghaldaqstant nulla;

Illi infatti, fil-mori tal-perjodu li fih seta' jitressaq dan l-appell u allura wara l-istess sentenza appellata, il-Qorti Civili (Sezzjoni Familja), wara li semghet lill-Avukat tat- Tfal, iddecidiet illi Mireille Cassar ghandha jkollha access minghajr ma jkollha "sleepovers". Ghaldaqstant issa huwa anke accettat li l-appellant kellu raguni valida li semmai jirrifjuta l-access la darba l-informazzjoni mitluba minnu u cioe` jekk hux minnu dak li kienet qed tallega l-minuri hux minnu, ma kinitx qed tigi michuda mill-istess Mireille Cassar.

4. Illi l-Qorti semgħet ix-xiehda ta' Mireille Farrugia matul is-seduta tat-12 ta' Settembru 2019 minn fejn jirriżulta li fil-fatt l-appellant naqas milli jagħtiha l-aċċess li legalment kienet intitolata għalih. Stqarret ukoll li f'dan l-istadju tal-proċeduri pero, is-sitwazzjoni bejniethom kienet marret ħafna għall-aħjar u ma kienx għad fadal kwistjonijiet bħal ma kien hemm fiż-żmien ta' meta inqala' dan il-każ. Hija kienet ukoll ħafritlu għal dak li kien seħħ f'dan il-każ.

***Ikkunsidrat : -***

5. L-artikolu 360 tal-Kodiċi Kriminali jaqra hekk :-

(1) Meta ma jkunx hemm raġunijiet biżżejjed skont il-liġi għall-arrest ta' persuna imputata ta' reat, il-Pulizija Eżekuttiva għandha, b'ordni bil-miktub, tħarrek lil dik il-persuna biex tidher quddiem il-Qorti tal-Maġistrati.

(2) Iċ-ċitazzjoni għandha ssemmi ċar il-persuna mħarrka, u għandu jkun fiha, fil-qosor, il-fatti tal-akkuża, bil-partikularitajiet ta' żmien u ta' lok li jkunu jinħtieġu jew li jkunu jistgħu jingħataw. Għandu jkun fiha wkoll it-twissija li, jekk il-persuna mħarrka tonqos li tidher, hija tiġi arrestata

b'mandat tal-qorti u mressqa quddiem l-istess qorti fil-jum li jkun imsemmi fil-mandat.

6. Għalkemm huwa desiderabbli li meta tirrediġi ċitazzjoni l-Prosekuzzjoni tkun aktar preċiża dwar il-partikolaritajiet ta' żmien, bħal ad eżempju li tinkludi mhux biss id-data (fattur ta' żmien ewlieni) iżda wkoll il-ħin (fattur ieħor ta' żmien) dan ir-rekwiżit mhux tassattivament rikjest mill-artikolu 360(2) tal-Kodiċi Kriminali, kif jippretendi l-appellant, *ad validitatem*.

7. Apparti minn hekk, jekk mill-provi prodotti jiġu pruvati lil hinn minn kull dubju dettat mir-raġuni l-estremi tar-reat taħt l-artikolu 338(ll) tal-Kodiċi Kriminali f'okkażjoni waħda fid-data inkriminata, allura Qorti ta' ġustizzja kriminali tkun xorta waħda tista' ssib ħtija għal dak l-episodju waħdieni ta' rifjut. Fi kwalunkwe każ minn imkien mill-provi ma jirriżulta li kien hemm aktar minn talba waħda għall-aċċess magħmula mill-parte civile matul dak il-jum. Kieku gratia argomenti kien hemm din il-prova, allura wieħed setgħa forsi jargumenta li kien hemm xi forma ta' dubju dwar liema episodju, fost diversi li setgħu seħħew fl-istess jum, kienet qed tirreferi għalih l-Prosekuzzjoni. Biss f'dan il-każ ma rriżulta xejn minn dan. L-ewwel żewġt aggravji għalhekk qegħdin jiġu miċħuda.

***Ikkunsidrat : -***

8. Illi minn eżami tal-atti u l-provi prodotti jirriżulta li l-Qorti tal-Maġistrati kienet legalment u raġonevolment korretta li tasal għall-konklużjoni li waslet għaliha fis-sentenza tagħha. L-appellant naqas mill-obbligi tiegħu u b'hekk huwa kiser il-Liġi. Dan peress li l-appellant naqas milli jaderixxi strettament mal-ordni li kellu mill-Qorti jew fil-kuntratt li fih huwa intrabat li jagħti aċċess lill-Mirelle Cassar għall-binthom minuri billi rrifjuta mingħajr raġuni tajba li jagħmel dan.

9. Fir-rikors tal-appell, l-appellant argumenta li huwa kellu raġuni ġusta għaliex jirrifjuta li jagħti l-aċċess lill-parte civile, tant li fil-mori taż-żmien tal-appell il-Qorti Ċivili (Sezzjoni tal-Familja) kienet irrestrinġiet l-aċċess tal-parte civile billi qatgħetilha l-i *sleep overs*. Biss mill-atti ma jirriżultax li l-appellant kien xehed quddiem il-Qorti tal-Maġistrati jew ressaq xi prova oħra biex juri ġustifikazzjoni ġusta wara r-rifjut tiegħu. B'hekk dik il-Qorti ma setgħetx tindirizza kwistjoni jekk, stando mal-atti li għandha quddiemha din il-Qorti, ma kienx hemm provi dwarha.

10. Dak li mill-atti jirriżulta pruvat sal-grad rikjest mill-Liġi huwa li :-

(a) l-appellant kellu l-kura u l-kustodja tal-minuri;
(b) hu kien marbut b'ordni tal-Qorti jew b'kuntratt li jagħti aċċess għal din il-minuri lill-ommha;

(c) u li huwa rrifjuta li jagħti aċċess għal din il-minuri lill-ommha mingħajr raġuni valida.

U għalhekk dik il-Qorti, in bażi għall-provi li kellha quddiemha setgħet legalment u raġonevolment tasal għall-konklużjoni li waslet għaliha. Din il-Qorti ma ssibx li tista' tvarja l-konklużjonijiet ta' dik il-Qorti relattivament għas-sejbien ta' ħtija fuq il-provi prodotti.

11. Illi tifdal l-analiżi dwar il-piena li ġiet inflitta f'dan il-każ, jiġifieri ġimgħa detenzjoni.

12. Jibda biex jingħad li f'dan il-każ ġie pruvat li kien hemm kuntest partikolari ħafna fir-relazzjonijiet interpersonali ta' bejn l-appellant u l-parte civile, u "ħbieb" tagħhom li xejn ma ffaċilita l-affarijiet bejniethom fiż-żmien ta' meta seħħ dan il-każ. Mix-xiehda Mireille Cassar jidher pero li s-sitwazzjoni bejniethom tjiebet ħafna tant li quddiem din il-Qorti hija saħqet li bħalissa din is-sitwazzjoni ma setgħetx tkun aħjar. Dan huwa pass pożittiv ħafna fir-relazzjoni ta' bejn il-partijiet u jawgura tajjeb biex almenu tittaffa t-trawma li inevitabbilment kienet tgħaddi minnha binthom minħabba d-disgwidi li kien ikun hemm bejniethom.

13. Biss kif ġie ritenut minn dawn il-Qrati, dan ir-reat huwa prosegwibbli *ex officio* mill-Pulizija Eżekuttiva peress li huwa mnissel minn kontravvenzjoni kontra l-amministrazzjoni tal-Ġustizzja. Għalkemm omm il-minuri tista tirrinunzja għall-proċeduri jew anke tirtira l-kwerela li tkun għamlet, il-proċediment kontra l-appellant xorta waħda ma jintemmx minħabba din il-maħfra jew rinunzja.

14. Il-piena ta' ġimgħa detenzjoni kienet fil-parametri tal-Liġi. Fl-eżerċizzju ta' reviżjoni li trid tagħmel din il-Qorti, jinkombi fuqha wkoll li tara jekk, minkejja dan, il-Qorti tal-Maġistrati applikatx piena li fiċ-ċirkostanzi tal-każ kienet manifestament eċċessiva meta wieħed jieħu kont ukoll tal-aspetti retributtivi u preventivi tas-sentenza emessa minnha.

15. Kif intqal mill-Qorti tal-Appell Kriminali (Superjuri) fil-kawża fl-ismijiet ***The Republic of Malta vs. Kandemir Meryem Nilgum and Kucuk Melek*** deċiża nhar il-25 t'Awissu 2005 u li ġie wkoll imbagħad ribadit fl-appell superjuri ***Ir-Repubblika ta' Malta vs. Marco Zarb***, deċiża nhar il-15 ta' Diċembru 2005, din il-Qorti bħala Qorti ta' appell ma tiddisturbax is-sentenza mogħtija mill-Qorti tal-ewwel istanza sempliċiment għaliex kienet tippreskrivi piena li kienet għola minn dik li din il-Qorti kif komposta kienet kieku tagħti kieku kienet hi li qegħda teroga l-piena. Biex l-appell jirnexxi, kien meħtieġ li l-appellant juri li l-piena mogħtija mill-Qorti tal-

Maġistrati kienet toħroġ barra mill-parametri tal-piena jew miżuri applikabbli għall-każ. Din il-Qorti ma tinterferix ma pieni li ma jkunux jidhru li huma żbaljati fil-prinċipju, għalkemm ikunu jidhru li huma pieni ħorox għal xi Ġudikanti. Biex piena mogħtija minn Qorti tal-Ewwel Istanza tkun tista' tiġi mibdula jrid jiġi pruvat li kien hemm xi żball fil-prinċipju fl-emanazzjoni ta' dik il-piena.

16. Il-Qorti tal-Appell Kriminali fl-Ingilterra żviluppat ukoll il-kunċett ta' sindakabilita tal-piena tal-Qorti tal-Ewwel Istanza fil-każ li din tkun eċċessiva jew manifestament eċċessiva. Biss dan ma jfissirx li sempliċiment għax sentenza tkun tidher li hija fuq in-naħa aktar severa din tkun tissodisfa dan it-test tal-eċċessivita jew eċċessivita manifesta. Anzi dik il-Qorti ttenni li appell fuq tali piena jkun jista' jiġi milqugħ jekk jirriżulta li s-sentenza tkun barra l-parametri tal-piena li tkun applikabbli :

(a) għall-offiża in kwistjoni u
(b) għaċ-ċirkostanzi tal-ħati

u mhux għaliex tkun piena li tkun għola minn dik li kieku l-Qorti tal-Appell kienet teroga għall-każ in kwistjoni.

17. Dawn il-prinċipji ġew ukoll imħadnin minn din il-Qorti, kolleġjalment komposta fis-sentenza ***Ir-Repubblika ta' Malta vs Carmen Butler et*** deċiża nhar is-26 ta' Frar 2009 fejn ġie mistqarr ukoll is-segwenti :

> 8. Fil-verita`, dawn il-principji huma rifless tal-principju l-iehor li meta jkun hemm sentenza li tigi appellata mill-hati, il-Qorti tal-Appell Kriminali, bhala regola, ma tiddisturbax il-piena erogata mill-ewwel qorti sakemm dik il-piena ma tkunx manifestament sproporzjonata jew sakemm ma jirrizultax li l-ewwel qorti tkun naqset milli taghti importanza lil xi aspett partikolari tal-kaz (u anke, possibilment, lil xi cirkostanza sussegwenti ghas-sentenza ta' l-ewwel qorti) li kien jincidi b'mod partikolari fuq il-piena. S'intendi, kif diga` nghad, "sentencing is an art rather than a science" u wiehed ma jistax jippretendi xi precizjoni matematika jew identita` perfetta fit-tqabbil tal- fatti ta' kaz ma' iehor jew tal-piena erogata f'kaz ma' dik erogata f'kaz iehor.

18. F'dan il-każ il-piena kienet fil-parametri legali u kienet kwalitattivament korretta u ma kienetx **<u>manifestament</u>** eċċessiva.

19. Il-ġurisprudenza prevalenti f'dan il-kuntest, tgħallem li meta Qorti tiġi biex teroga piena trid tieħu kont taċ-ċirkostanzi kollha li jsawru l-każ, jiġifieri dawk tal-vitmi, l-interessi tal-komunita kollha kemm hi, kif ukoll dawk tal-ħati. F'dan is-sens, kemm il-ġurisprudenza lokali kif ukoll dik Ingliża tistabbilixxi li fl-eżerċiżżju ta' reviżjoni imħolli lilha, il-Qorti tal-Appell Kriminali trid tistħarreġ appell fuq il-piena inflitta kemm billi tqis iċ-ċirkostanzi kollha prevalenti li l-Qorti tal-Ewwel Istanza setgħet kienet f'qagħda li tara, kif ukoll, skont kif imsemmi fis-sentenza ***Butler*** tqis *anke, possibilment, lil xi cirkostanza sussegwenti ghas-sentenza ta' l-ewwel qorti*.

F'dan il-każ il-Qorti tqis li l-Qorti tal-Maġistrati kien messħa ħadet aktar kont taċ-ċirkostanzi tal-każ u in partikolari dawk tal-ħati meta ġiet biex teroga l-piena tagħha. Inoltre din il-Qorti tista' wkoll tieħu kont taċ-ċirkostanzi sussegwenti għas-sentenza tal-Ewwel Qorti fid-dawl tad-dikjarazzjoni espliċita tal-parte civile Mireille Cassar.

## *Deċide*

Għaldaqstant, għar-raġunijiet premessi, din il-Qorti qegħda tiddisponi minn dan l-appell billi tilqa' l-appell biss f'dik il-parti fejn intalbet ir-riforma fil-piena inflitta u filwaqt li din il-Qorti tikkonferma s-sentenza appellata f'dik il-parti tagħha fejn sabet ħtija fl-appellant għar-reat kommess minnu, tħassarha f'dik il-parti fejn ikkundannatu għal ġimgħa detenzjoni u minflok tibdilha billi tikkundanna lill-ħati għal ammenda ta' ħamsin euro (€50).

Altrimenti tikkonfermaha fil-kumplament.

***Aaron M. Bugeja***
***Imħallef***